



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Diskors

Strasburgu, is-26 ta' Novembru 2015

Diskors minn Vítor Caldeira, President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Preżentazzjoni tar-Rapporti Annwali 2014
Sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew

Strasburgu, is-26 ta' Novembru 2015

Id-diskors proprju jitqies b'ħala awtentiku.
Il-verżjoni mitkellma għandha tiegħu preċedenza.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 621 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal għall-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditorsECA eca.europa.eu

President Schulz,

Onorevoli Membri tal-Parlament Ewropew,

Viċi President tal-Kummissjoni Georgieva,

Huwa unur għalija li nippreżenta r-rapporti annwali tal-Qorti lil din is-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew.

Din is-sena, dan qed iseħħ fi żmien li huwa partikolarment diffiċli. F'isem kulħadd fil-Qorti, nixtieq nesprimi l-kondoljanzi tagħna lill-familji tal-vittmi tal-atroċitajiet terroristiċi reċenti f'Pariġi. Dawk li jattakkaw il-valuri Ewropej qegħdin fil-fatt jattakkaw id-demokrazija tagħna. Aħna rridu nżommu sod kontribom.

Onorevoli membri,

Dan huwa żmien biex is-solidarjetà Ewropea tiddefendi l-valuri umani fundamentali fit-Trattat tagħna. U huwa żmien meta l-UE u l-Istati Membri jridu jindirizzaw sfidi kbar oħra wkoll:

- il-ġenerazzjoni ta' impjegi u ta' tkabbir;
- l-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-enerġija filwaqt li jintlaħqu l-miri klimatiċi; u
- l-immaniġġjar tal-asil u tal-flussi ta' migrazzjoni.

Fil-fehma tagħna, il-baġit tal-UE jista' jiġi investit aħjar u b'mod aktar rapidu biex jilqa' l-ħafna sfidi li l-Ewropa qed tiffaċċja. Meta jitqiesu flimkien, ir-riżultati tal-awditjar tagħna matul dawn l-aħħar snin jindikaw ħtieġa għal **approċċ kompletament ġdid**:

- Jeħtieġ li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jallinjaw il-baġit aħjar mal-prijoritajiet strateġiċi u fit-tul tal-UE u jagħmluh aktar kapaċi li jirrispondu fi kriżi.
- Jeħtieġ li l-leġiżlaturi jiżguraw li l-iskemi ta' nfiq ikunu ċari dwar ir-riżultati li jridu jinkisbu u dwar ir-riskji li huma aċċettabbli.
- Jeħtieġ li l-manijers finanzjarji jiżguraw li l-flus li jintnefqu jikkonformaw mar-regoli u jiksbu r-riżultati intenzjonati.

L-analiżi ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, li se ssir is-sena d-dieħla, tipprovdi opportunità kruċjali biex nergġhu nqisu l-prijoritajiet tagħna u t-tfassil ta' xi skemi ta' nfiq. Sadanittant, għandu jsir aktar bl-għodda li huma diġà stabbiliti.

Ir-rapport tagħna jidentifika problemi ta' ġestjoni finanzjarja li ilhom jeżistu u li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Iżda qabel ma nitkellem dwarhom, nixtieq inkun assolutament ċar **li l-kontijiet tal-UE għall-2014 ġew iċċertifikati**. Huma affidabbli u aħna ħriġna opinjoni tal-awditjar "nadifa" f'dak ir-rigward.

Minkejja dan, ippermettuli nenfasizza erba' oqsma ta' ġestjoni finanzjarja tal-UE li jeħtieġu attenzjoni.

L-ewwel nett, għad hemm wisq flus li ma jintnefqux skont ir-regoli finanzjarji tal-UE. Hemm **livell persistentement għoli ta' żbalji fil-pagamenti**. Ir-rata kumplessiva ta' żball stmata għall-pagamenti fl-2014 kienet ta' 4.4 %, u ilha stabbli għal dawn l-aħħar tliet snin.

F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għamlu progress fil-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbalji. Iżda li kieku ntużat l-informazzjoni kollha disponibbli setgħu jiġu kkorreġuti aktar żbalji.

L-analiżi tagħna turi li hemm ukoll ambitu għat-tfassil ta' skemi ta' nfiq li jkunu inqas suxxettibbli għal żball, b'mod partikolari billi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għal pagament jiġu ssimplifikati.

It-tieni nett, **il-prestazzjoni tal-baġit**, jeħtieġ li l-UE tinvesti l-baġit aħjar.

Aħna sibna li l-Qafas Finanzjarju Pluriennali jista' jkun allinjat aħjar mal-istrateġija tal-UE, kemm f'termini ta' perjodi kif ukoll ta' prijoritajiet.

Aħna niġbdu l-attenzjoni wkoll għall-fatt li miri u għanijiet politiċi ta' livell għoli tal-UE mhumiex ikkonkretizzati f'objettivi operazzjonali ċari, li huwa fundamentali għal ġestjoni effettiva u rappurtar dwar il-prestazzjoni.

It-tielet nett, jeħtieġ li l-UE tindirizza għadd ta' **xogħlijiet finanzjarji b'lura** li akkumulaw biex, fost affarijiet oħra, tirrilaxxa fondi biex dawn ikunu jistgħu jintużaw fejn jinħtieġu l-aktar.

B'mod partikolari, xi Stati Membri qed isibuha diffiċli biex jassorbu l-fondi tal-UE li ġew allokati lilhom u għad hemm livell għoli ta' fondi mhux użati fl-istrumenti finanzjarji.

Finalment, il-ġestjoni finanzjarja tal-UE tista' tibbenefika ħafna minn **aktar trasparenza**. Dan huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-fiduċja taċ-ċittadini.

Aħna rrakkomandajna l-azzjoni li l-Kummissjoni għandha tiegħu biex ittejjeb it-trasparenza dwar il-ħtiġijiet tal-flussi tal-flus fuq terminu twil, l-iżbalji fil-pagamenti u l-korrezzjonijiet li jsiru kif ukoll dwar ir-riżultati tal-infiq taħt il-baġit tal-UE.

Iżda huwa daqstant importanti li tiġi żgurata t-trasparenza għall-politiki tal-UE li mhumiex iffinanzjati direttament mill-baġit tal-UE. Mezzi ġodda ta' finanzjament tal-politiki tal-UE ma għandhomx jostru r-riskji finanzjarji mill-iskrutinju pubbliku u l-awditjar.

Onorevoli membri,

Biex nikkonkludi, l-UE trid tinvesti flusha aħjar. Trid tagħxi biex tiżgura li:

- l-investimenti jaqblu aktar mal-prijoritajiet tal-Unjoni;
- jitfasslu regoli aktar sempliċi biex jinkisbu r-riżultati; u
- ir-riżorsi finanzjarji jiġu mmaniġġjati b'mod aktar effiċjenti.

Meta jitqiesu flimkien, dan kollu tabilħaqq ikun jirrappreżenta approċċ kompletament ġdid.

President Schulz, onorevoli membri,

Il-Qorti tal-Awdituri tinsab viċin il-Parlament u l-Istituzzjonijiet Ewropej l-oħra f'dan iż-żmien diffiċli ħafna.

Id-difiża tad-demokrazija tagħna u l-iżgurar tal-benessri taċ-ċittadini tagħna se jitgħu piż kbir fuq ir-riżorsi komuni tagħna.

Il-kompitu prinċipali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri se jibqa' jkun li ngħinu biex niżguraw li dawk ir-riżorsi jintużaw bl-aħjar mod possibbli.

Grazzi tal-attenzjoni tagħkom.